MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birgu

# It-Tmien Legislatura

# Laqgħa Numru 18

Il-Kunsill Lokali Birgu ltaqa' għal din il-laqgħa b'mod virtwali (online) minħabba l-imxija tal-COVID-19, fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija (5:30pm) it-Tnejn 13 ta' April 2020.

**PREŻENTI:**

Is-Sur John Boxall – Sindku
Is-Sur Christopher Cassar – Viċi-Sindku
Is-Sur Anton Gellel - Kunsillier
Is-Sur Trevor Mizzi – Kunsillier

**SKUŻAT B'APOLOĠIJA:**

Is-Sur Jason Portelli – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sur Christian Lawrence Raggio Vella – Aġent Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku s-Sur John Boxall qal it-talba u  ppresedja l-laqgħa.

**18.1 Qari tal-ittri ta' Apoloġija**

Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li s-Sur Jason Portelli talab biex jiġi skużat minħabba raġunijiet ta' xogħol marbuta mal-Uffiċċju tal-Prim Ministru.

**18.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ressaq il-Minuti tal-Laqgħa Numru 17 u l-kontinwazzjoni tagħha, għall-approvazzjoni. Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera preżenti, approvawhom unanimament.

**Punti mressqa mill-Minuti**

18.2.1 Is-Sindku qal li għandha tintbagħat risposta lis-Sindku ta' San Lawrenz Għawdex rigward il-Memorandum of Understanding bejn il-Kunsill Lokali ta' San Lawrenz u l-Kunsill Lokali tal-Birgu.

18.2.2 Is-Sindku nkariga lis-Sur Tevor Mizzi sabiex ikompli jsegwi l-andament dwar il-Ġemellaġġ bejn il-Kunsill Lokali tal-Birgu u Pariso fi Franza. Apparti hekk, is-Sur Trevor Mizzi ġie mitlub sabiex ikompli jsegwi l-iżviluppi dwar l-għajnuna finanzjarja għar-restawr tal-faċċata tal-Berġa ta' Franza li ġiet diskussa mal-Onor. Ministru Hosè Herrera.

18.2.3 Anton Gellel qal li kien tkellem ma' xi ħadd kompetenti sabiex itih parir dwar il-quotations tal-kameras li konna rċevejna għall-Fortini u Triq l-Antika.

18.2.4 Is-Sindku u l-kunsilliera preżenti qablu unanimament li jiġi mnaqqas l-ewwel parkeġġ fil-bidu ta' Triq l-10 ta' Awwissu sabiex il-karozzi jkunu jistgħu jidħlu jipparkjaw fil-parkeġġi ta' wara li kienu qed jiġu ostakolati minħabba d-djuq fil-bidu tat-triq.

18.2.5 Is-Sindku qal li ħaddiema impjegati mal-Kunsill Lokali tal-Birgu, urew interess li jagħmlu x-xogħol meħtieġ fil-bir tal-Berġa ta' Franza sabiex dan jitnaddaf u titranġa l-ħsara li għandu sabiex b'hekk jibda jinħażen l-ilma fih u niffrankaw spejjeż ta' kontijiet ta' ilma.

18.2.6 Rigward it-tender tal-*contracts manager* mal-Kunsill Lokali tal-Birgu, is-SIndku qal li dan irid jiġi evelwat u jinħareġ mill-aktar fis.

18.2.7 Dwar il-€100 donazzjoni li għandha tingħata lis-Sinjorina Riona Dimech, is-Sindku qal li din għandha tippreżenta l-irċevuta tal-ħlas tal-applikazzjoni tal-parteċipazzjoni tagħha sabiex din tkun refunded mill-Kunsill Lokali tal-Birgu. Il-liġi tal-Kunsill Lokali tgħid li l-ebda kunsill lokali ma jista' jagħti kwalunkew donazzjoni.

**18.3 Korrispondenza**

18.3.1 Preżentata korrispondenza mibgħuta mill-Planning Authority fejn qed tgħid li l-Wied tal-Glażiż li jmiss ma' Triq San Dwardu u huwa l-unika wied fil-konfini tal-Birgu, mhuiex art tal-Gvern iżda art privata. Il-Kunsill Lokali se jidħol fid-dettall sabiex jara jekk dan hux minnu u jekk iva, tara ta' min hu sabiex jitnaddaf.

18.3.2 Preżentata korrispondenza u quotation mibgħuta minn ABC Print sabiex jiġu printjati tabelli ġodda li juru direzzjoni għall-uffiċini tal-Kunsill Lokali tal-BIrgu u l-Librerija Reġjonali tal-Birgu. Is-Sindku u l-kunsilliera preżenti qablu unanimament li dawn isiru peress li preżentament m'hemm l-ebda tabelli li juru direzzjoni fejn jinsabu dawn iż-żewġ postijiet imsemmija hawn fuq.

18.3.3 Preżentata korrispondenza mibgħuta mill-Assoċċjazzjoni ALDA dwar sejħa għall-proġett ROSE fi ħdan l-ERASMUS SPORT Project. Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera preżenti qablu unanimament li nibgħatu l-applikazzjoni sabiex nuru interess għal dan il-proġett.

18.3.4 Preżentata korrispondenza mibgħuta minn Prof Andrew Azzopardi, Dekan tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà fi ħdan l-Università ta' Malta sabiex jitwaħħal banner f'post prominenti fil-Birgu sabiex iħajjar aktar nies biex jistudjaw ma' din il-fakultà fl-università. Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera preżenti qablu unanimament li jingħata dan il-permess sabiex jitwaħħal dan il-banner. Il-post fejn ser jiġi mwaħħal għandu jiġi indikat lill-kunsill minn qabel.

18.3.5 Preżentata korrispondenza mis-Sur Fabian Galea fi ħdan l-uffiċċju tal-Affarijiet Interni u Ewropej rigward l-aġenzija LIFE fi ħdan l-Unjoni Ewropeja għal sejħa ta' proġetti taħt l-isem INVEST IN A GREENER FUTURE. Is-Sindku qal li jkun tajjeb li ninfurmaw lis-Sur Tony Abela sabiex il-Kunsill Lokali tal-Birgu jibbenefika minn dan il-proġett speċjalment għall-ġibjun tal-Berġa ta' Franza.

18.3.6 Preżentata korrispondenza dwar il-*Procurement Plan 2020* tal-Kunsill Lokali tal-Birgu li dan għadu ma ġiex preżentat.

**18.4 Attività Online Streamed mill-Kunsill Lokali tal-Birgu (proposta tas-Sur Christopher Cassar)**

18.4.1 Proposta mill-Kunsillier is-Sur Christopher Cassar sabiex tinħoloq paġna online fuq Facebook fi ħdan il-Kunsill Lokali tal-Birgu sabiex isiru sessjonijiet differenti ta' attivitajiet kemm għall-kbar kif ukoll għaż-żgħar sabiex inżommu l-komunità aġġornata f'dan iż-żmien diffiċli tal-pandemija tal-COVID-19. Fost dawn jistgħu jsiru pożeiji, stejjer għat-tfal, tpinġijiet u kif ukoll messaġġ qasir tas-Sindku darba f'ġimgħa. Is-Sindku u s-Sur Christopher Cassar kellhom jiltaqgħu sabiex jifformolaw programm għal dawn l-attivitajiet.

**18.5 *Birgu Application* (proposta tas-Sur Trevor Mizzi)**

18.5.1 Fuq proposta tal-Kunsillier Trevor Mizzi, għandha ssir *Birgu Application* għal dawk li jżuru din il-belt storika. Fuq din għandha tinħareġ sejħa għal quotations mill-Kunsill Lokali tal-Birgu għal dawk il-kumpaniji li jagħmlu dan ix-xogħol. Is-Sindku u l-kunsilliera preżenti qablu unanimament dwar din il-proposta.

**18.6 Xogħol fil-Komunità (proposta tas-sur Trevor Mizzi)**

18.6.1 Il-Kunsillier Trevor Mizzi qal li kien avviċinat mis-Sur Fabio Muscat, CEO tal-kumpanija OZO Group li fuq ftehim mal-Gvern, se jibgħat il-Birgu 10 ħaddiema, ħamest ijiem fil-ġimgħa, sitt sigħat kuljum sabiex jagħmlu xogħol fil-komunità. Ix-xogħol li se jibdew huwa xkatlar u żebgħa tal-ħadid (poġġamani) tas-Sur tat-Toqba (fuq il-Mandraġġ). Is-Sur Anton Gellel semma wkoll il-poġġaman ta' fuq il-bridge fid-daħla tal-Birgu.

**18.7 Proġett Pjazza tal-Belt Vittoriosa (proposta tas-Sur John Boxall)**

18.7.1 Is-Sindku John Boxall qal li hemm bżonn li ssir aktar pressjoni mill-Kunsill Lokali tal-Birgu, sabiex isir il-proġett tal-Pjazza tal-Belt Vittoriosa li ilu biex isir għal ħafna snin mill-Gvern Ċentrali. Fil-laqgħa pjanata mal-Ministru tat-Turiżmu l-Onor. Julia Farrugia, is-Sindku qal li dan għandu jkun l-ewwel punt u l-aktar wieħed importanti fl-aġenda sabiex il-pjazza ssir f'din il-leġislatura tal-kunsill.

**18.8 Proposta biex jinbidlu l-bankina u ċ-ċint ta' parti minn Triq San Lawrenz (proposta tas-Sur John Boxall)**

18.8.1 Is-Sindku s-Sur John Boxall qal li ser jikteb ittra sabiex jinbidel iċ-ċint, il-bankina u l-arbli tad-dawl ta' parti minn Triq San Lawrenz li tibda mill-konfini bejn il-lokalità tal-Birgu u l-lokalità ta' Bormla u jasal sa' fejn il-Monument tal-Ħelsien. Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament.

**18.9 Żieda ta' pannelli fuq il-Berġa ta' Franza (proposta tas-Sur John Boxall)**

18.9.1 Sabiex jitnaqqsu l-kontijiet tad-dawl tal-Berġa ta' Franza u għal effiċjenza u titjib b'risq l-ambjent, is-Sindku John Boxall issuġġerixxa sabiex jiżdiedu l-pannelli solari. Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament li dawn isiru.

**18.10 Xogħlijiet ta' manutenzzjoni, restawr tal-bir tal-Berġa ta' Franza (proposta tas-Sur John Boxall)**

18.10.1 Il-kunsilliera preżenti qablu li jsir ix-xogħol meħtieġ fil-bir tal-Berġa ta' Franza sabiex jiġi frankat ħafna ilma li jintuża fil-berġa u jitnaqqsu wkoll l-ispejjeż tal-kontijiet tad-dawl u ilma.

**18.11 Komunikazzjoni mis-Sindku**

18.11.1 Ma kien hemm l-ebda komunikazzjoni lill-kunsilliera mis-Sindku.

**18.12 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

18.12.1 Ebda mistoqsijiet u tweġibiet mill-kunsilliera

**18.13 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta`pagamenti**

Is-Sindku, s-Sur John Boxall ressaq ghall-approvazzjoni l-Iskeda tal-Pagamenti li tkopri ċ-ċekkijiet bin-numri, BOV 5384 sa BOV 5415. Il-Kunsilliera preżenti approvaw b'mod unanimu l-iskeda ta' Pagamenti datata 27 ta` Marzu 2020 sat-13 ta` April 2020.

**18.14 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fit-tmienja u nofs ta` filghaxija (8.30pm). Is-seduta li jmiss tal-Kunsill Lokali tal-Birgu se ssir it-Tnejn 4 ta` Mejju 2020 fil-ħamsa u nofs ta` filgħaxija (5:30pm).

Konfermati illum: **4 ta' Mejju 2020**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| John Boxall | Christian Lawrence Raggio Vella |
| Sindku | Aġent Segretarju Eżekuttiv |